Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT,**
**L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Transport Malta

# IS-SIGURTÀ FIT-TOROQ:
## NITGĦALLMU NKUNU RESPONSABBLI FLIMKIEN

ta' Laura Galea,
Assistant Manager Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

Għeżież qarrejja, għadda xahar ieħor u rġajna qegħdin hawn biex ngħaddulkom aktar tagħrif. Dax-xahar se nkellmukom dwar is-sigurtà fit-toroq tagħna, suġġett vast u importanti ħafna. Is-sigurtà fit-toroq Maltin u Għawdxin hija responsabilità tagħna lkoll u mhux biss tas-sewwieqa. Bħalma tafu fit-toroq ma nsibux biss vetturi – insibu wkoll roti, scooters u pedelacs fost l-oħrajn, kif ukoll nies jimxu.

Allura, tgħiduli, aħna t-tfal u l-adolexxenti kif nistgħu ngħinu biex ikollna toroq aktar siguri għal kulħadd? Waħda mill-aktar affarijiet importanti li għandna nagħmlu hija li nedukaw ruħna u lil ta' madwarna, speċjalment fejn jidħol ir-rispett lejn kull persuna li tkun fit-triq bħalna. Il-ħajja ta' kull persuna hija importanti, u rridu nippruvaw kemm nistgħu la nipperikolaw il-ħajja tagħna u lanqas ta' ħaddieħor. Hemm ħafna affarijiet żgħar li bħala tfal u adolexxenti nistgħu nagħmlu, bħal pereżempju li filgħodu ma nkunux tard biex nippreparaw għall-iskola jew noqogħdu naħlu l-ħin. Tgħiduli din x'għandha x'taqsam mas-sigurtà fit-triq? Filgħodu għandna dejjem nippruvaw inkunu lesti fil-ħin u nkunu puntwali biex nistennew il-vann tal-iskola jew biex iwassluna l-ġenituri tagħna, biex b'hekk dawn ma jkollhomx daqshekk ġenn biex isuqu u jkunu aktar kalmi.

Huwa importanti wkoll li jekk qegħdin fil-vann jew il-karozza tal-ġenituri dejjem naraw li l-basket tal-iskola ma jkunx qed joħloq xi tip ta' xkiel f'każ li jkun hemm bżonn noħorġu malajr mill-vettura. Ħaġa oħra vera importanti li kull wieħed u waħda minna għandha tagħmel waqt li nkunu riekba f'karozza hi li dejjem nilbsu ċ-ċinturin tas-sigurtà, kemm jekk qegħdin bilqiegħda quddiem kif ukoll jekk qegħdin bilqiegħda fuq wara. F'każ ta' inċident dan jista' jkun l-unika ħaġa li ssalvalna ħajjitna. Il-mowbajl jew affarijiet oħra li jistgħu jkunu ta' tfixkil qatt ma għandhom jintużaw waqt is-sewqan, speċjalment mix-xufier. Huwa importanti ħafna wkoll li t-tfal dejjem ipoġġu fuq is-seats ta' wara tal-karozza.

Xi ħaġa oħra żgħira imma effettiva ħafna, li ħafna drabi ma nagħtuhiex daqshekk importanza, hija li meta nkunu qegħdin nimxu u nkunu se naqsmu t-triq dejjem inħarsu lejn iż-żewġ naħat aktar minn darba, u nużaw iż-zebra crossing. Għalkemm inkunu se naqsmu minn fuq iż-zebra crossing huwa xorta importanti ħafna li nħarsu sew qabel ma naqsmu, u naraw li l-karozzi jkunu waqfulna biex naqsmu. Dejjem għandna nħarsu lejn is-sewwieq, biex inkunu ċerti li qed jarana u mhux aljenat, ngħidu aħna fuq il-mowbajl.

Ma ninsewx insemmu d-dwal tat-traffiku. Huwa importanti li meta nkunu qegħdin nimxu nużaw il-bankina u mhux nimxu f'nofs ta' triq, għax nipperikolaw kemm il-ħajja tagħna kif ukoll dik tan-nies ta' madwarna. Punt ieħor li għandna nsemmu fejn tidħol is-sigurtà fit-toroq hu relatat mal-użu tar-roti, scooters u mezzi żgħar oħra tat-trasport. Bħalma meta nkunu f'karozza għandna dejjem nilbsu ċ-ċinturin tas-sigurtà, meta nkunu qed nużaw rota jew scooter importanti li dejjem nilbsu l-helmet. Qatt ma għandna nilagħbu fit-triq, għax nipperikolaw kemm il-ħajja tagħna stess kif ukoll ta' individwi oħra. Il-logħob bil-ballun u kull tip ieħor ta' logħob għandu dejjem isir f'postijiet addattati.

Dawn huma biss ftit mill-ħafna affarijiet li nistgħu nagħmlu aħna bħala tfal u adolexxenti maturi u responsabbli sabiex ngħinu ħalli jkollna t-toroq tagħna aktar siguri. Meta naħdmu lkoll flimkien ir-riżultati jidhru aktar. Is-sigurtà fit-toroq mhijiex biss responsabilità tal-korp tal-Pulizija, il-LESA jew Transport Malta, imma hija responsabilità ta' kulħadd. Nittama li dan l-artiklu jgħinna nsiru aktar konxji ta' dan.

